# Karnival … is-sena kollha!



Waqt li fil-ġranet tal-bluha għall-jiem tal-karnival, nilmħu n-nuqqas ta' għaqal li jakkumpanjana s-sena kollha … Ġesu' iħabbar il-wasla tar-Renju tal-ġustizzja, tal-verita' u tas-sewwa. "*Indmu għax is-Saltna t'Alla waslet*".

**Ineħħu l-maskri**: "*Fih ma hemmx dlamijiet*" (1 Ġw. 1:5) għax is-Salvatur tagħna ma hux imċappas bid-dnub, minkejja li biex jeħlisna mid-dnub, għamlu dnub għalina (1 Kor. 5: 21). Ġesu' neħħa d-dnub, u fih ma kienx hemm nikta ta' dnub. Dan hu dak li jneħħi d-dnubiet (Żak. 3: 3-4). Tassew il-poplu li kien miexi fid-dlam dawl kbir idda madwaru (Mt. 4: 14). Ġesu' huwa d-dawl li jiddi qalb id-dlamijiet, u jrid li jagħmel minna lkoll ulied id-dawl." *(Origene, Kummentarju għall-Vanġelu ta' San Ġwann II, 26)*

**X'ser nilbsu?** Nilbsu l-għaqal u ntajru l-bluha. "San Mattew jgħidilna li ż-żewġt dixxipli, malli semgħu l-kelma, bla telqa, ħallew kollox u marru warajh. Probabilmet li dawn kienu diġa semgħu b'Ġesu' minn Ġwanni l-Battista. Għarfu li jkomplu x-xogħol ta' sajjieda, u Ġesu' ħallihom ikomplu xogħlhom fil-liberta'. Wara li ħallihom imorru reġa' ġie jfittixhom għat-tieni darba biex jagħtihom r-raġuni għas-sejħa li qed jagħmlilhom: "*nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin*". Dan l-aħjar mod li nagħżlu bil-għaqal u nwarrbu l-bluha." (San Ġwann Griżostmu, Kummentarju għall-Vanġelu ta' San Mattew 14, 1-2)

*Mons Karm Refalo, Arċipriet Xagħra*

## Jistgħu jinteressawk:

**Ir-Randan Magħna!**
Nhar l-Erbgħa **Ras ir-Randan**, jum ta' sawm u astinenza
Wasal iż-żmien tar-**REBBIEGĦA TAR-RUĦ**
Sabiħ ir-Randan: bit-**Talb, bil-Karita`, bis-Sawm** u fuq kollox bis-**SMIGĦ TAL-KELMA T'ALLA.**

**Solennita' ta' l-Appostlu Missierna San Pawl Jum il-Magħmudija ta' Malta. Din is-sena niċċelebrawha nhar is-Sibt 9 ta' Frar 2008.** Pontifikal tan-Nawfraġju fil-parroċċa tal-Munxar 6.00p.m. (Għad li m'hemmx l-obbligu tas-smigħ tal-quddies, tkun ħaġa sabiħa li nqaddsu dan il-Jum bl-Ewkaristija.)

**KATEKEŻI TAR-RANDAN GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:**
IS-SIBTIJIET TAR-RANDAN, KNISJA SAN ĠAKBU (it-Tokk) 8.30p.m.

## It-Talba tal-ġimgħa



***"Mulej … madwari nismagħhom jgħidu kollox kif irrid jien, meta rrid jien, x'ħin irrid jien u int qed tgħallimni ngħidlek bil-kontra ta' dak li jgħidu n-nies … Ħa jkun li trid Int!"***




Ir-Raba' Ħadd tas-Sena Ċ - Id-39 Sena (2028) 3 ta' Frar 2008

# Henjin Intom u Dawk



**Mill-Evanġelju ta' San Mattew Mt 5, 1-12a**
F'dak iż-żmien : ĠesuĪ, kif ra l-folol, tela' fuq il-muntanja u, wara li qagħad bilqiegħda, resqu lejh id-dixxipli tiegħu. U hu fetaħ fommu u qabad ikellimhom u jgħid:
"Henjin il-fqar fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
Henjin l-imnikkta, għax huma jkunu mfarrġa.
Henjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom l-art bħala wirt.
Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħa.
Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena.
Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla.
Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla.
Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba fil-ġustizzja, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
Henjin intom, meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jgħidu kull deni fuqkom bil-gideb minħabba fija. Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet."

**RIFLESSJONI**

- Dan il-Vanġelu juri l-mod diferenti kif Ġesu' jħares lejn dak li aħna nħabbtu wiċċna miegħu.
- Ġesu' jsejjaħ henjin lil dawk li huma ppersegwitati, il-foqra, l-imnikkta ecc. X'tip ta' ferħ qed nistenna jien ?
- Nemmen f'dak li qal Ġesu' li huwa jagħtina ferħ li ma' jeħodulna ħadd?
- Nista jien nimmaġina li hemm xi ħaġa fid-dinja li tista tiggarantili ferħ għal dejjem?
- Għal liema ferħ qiegħed nistinka ?

**TALBA**
Mulej Ġesu', Int wegħdtna l-ferħ mhux kif tagħtih id-dinja; agħmel li ma' nħalli ebda ferħ materjali jnessini l-iskop tal-mixja tiegħi lejn il-ferħ ta' dejjem.